Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/2016JB

**Bank of Valletta plc (appellant)**

**Vs**

**Jonathan Degiorgio (appellat)**

3 ta' April, 2017

1. Is-socjeta attrici appellat minn dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-11 ta' Jannar, 2016 li titratta dwar l-imghax. Il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra:

*"Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €3,161.91 bl-imghax legali skont il-ligi b'effett mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza u cjoe' l-5 ta' Jannar 2016. L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat indikat fl-avviz ikunu a karigu tal-konvenut".*

2. L-aggravji huma li:

   i. Is-sentenza nghatat fis-16 ta' Mejju, 2016 u mhux kif dikjarat fil-11 ta' Jannar 2016.
   ii. It-talba tal-bank kienet ghas-somma ta' €3,161.91 ***"flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Ottubru 2015 sal-jum tal-pagament effettiv"***. L-imghax intalab minn dakinhar ghaliex il-bilanc kien dak li hu dovut bl-imghax komputat sat-12 ta' Ottubru, 2015 u ma kienx jinkludi imghax li ddekorra fuq is-somma dovuta lis-socjeta attrici, oltre l-istess data tat-12 ta' Ottubru, 2015. Ma kien hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn it-Tribunal laqa' t-talba bl-imghax b'sehh mill-5 ta' Jannar, 2016.

3. L-appellat ma wegibx u lanqas m'attenda ghas-seduta tal-lum.

4. Il-qorti tibda biex tirrileva li effettivament is-sentenza nghatat fis-16 ta' Mejju, 2016 (ara l-verbal) u mhux fil-11 ta' Jannar 2016, li hi d-data stampata fis-sentenza. Fic-cirkostanzi b'applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tordna korrezzjoni fid-data tas-sentenza li ghandha taqra 11 ta' Jannar, 2016.

5. Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar l-imghax, il-qorti ssib li l-attrici ghandha ragun. Mill-atti jirrizulta li l-konvenut inghata *Consumer Loan* (fol. 22). Ovvjament dan is-self igorr mieghu l-obbligu tal-hlas ta' mghax. Dan apparti li mill-atti jirrizulta li l-konvenut kien matul is-sena 2014 gie notifikat b'ittra ufficjali tas-17 ta' frar, 2014 gie nterpellat ihallas lura l-flus li nghataw lilu b'self. Mid-dokument jirrizulta li l-bank kien ikkalkola l-imghax sat-12 ta' Ottubru, 2015. Ghaldaqstant, l-ilment tieghu dwar l-imghax hu gustifikat.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u:**

1. **Tordna korrezzjoni fis-sens li d-data tas-sentenza ghandha taqra 16 ta' Mejju, 2016.**
2. **Tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet fis-sens li fir-rigward tal-imghax tilqa' t-talba tal-attrici kif maghmula fl-avviz tat-talba. Ghal kumplament tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.**

**Spejjez tal-appell a karigu tal-konvenut**.

Anthony Ellul.